MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 578/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti konjugi CB ikkontrattaw iz-zwieg fit-23 ta' April 1992 u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal, T u S, li twieldu fl-4 ta' Lulju 1995 u fit-18 ta' Gunju 1999 rispettivament;
2. Illi l-kontendenti ilhom jghixu mhux flimkien ghal dawn l-ahhar erba snin, u cioe' mit-13 ta' Novembru 2009, meta l-intimata telqet mid-dar matrimonjali u ma rritornat qatt izjed;

3. Illi l-imsemmija konjugi Said Dudley Ward kienu infirdu min xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni b'att ippubblikat minn Nutar Dottor Liza Schembri fl-24 ta' Gunju 2011 (Dokument ST 1), liema kuntratt kien jipprovdi dettaljatament dwar il-manteniment pagabbli ghall-bzonnijiet tat-tfal hawn fuq imsemmija, liema stipulazjonijiet gew rigorozament rispettati;
4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
5. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talab a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa smigh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66 C; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li in forza taghha tikkonferma :

1. Illi l-intimata ma topponix t-talba sabiex dina l-Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u taqbel ma dak kollu iddikjarat fir-rikors tar-rikorrenti;
2. Illi r-rikorrenti dejjem onora l-obbligi tieghu skond il-kuntratt datat 24 ta' Gunju 2011 fl-atti tan-Nutar Dr Liza Schembri;
3. Illi skond l-Artikolu 10 tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, l-intimata diga ghazlet li tirriverti ghal kunjom xbubita 'Borg';

Ghaldaqstant l-intimata titlob illi t-talba tar-rikorrenti tigi milqugha u dan taht dawk il-kundizzjonijiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Dicembru, 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom ma jghixux flimkien mit-13 ta' Novembru 2009 u ilhom legalment separati mill-24 ta' Gunju 2011;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Illi l-Qorti rat ukoll illi l-intimata ghazlet ai termini tal-Artikolu 10 tal-kuntratt ta' separazzjoni illi tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe' "Borg";

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Il-Qorti ghal kull buon fini qeghda tilqa wkoll it-talba tal-intimata u tawtorizzaha tirreverti ghal kunjom xbubitha "Borg";

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------